MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 243/2002/1

**Lino Psaila u Nola Limited.**

**-vs-**

**Camela Contractors Limited, Joe Camilleri, Anglu Abela.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-1 ta' Marzu, 2002 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi s-socjeta' konvenuta Camela Contractors tinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sebat elef tmien mija u seba' u tmenin Lira Maltin u disa' u ghoxrin centezmu (Lm7,887.29)

rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u ikkonsennata ghall-beneficcju taghha fuq ordni tad-diretturi Joe Camilleri u Anglu Abela.

Illi nonostante intepellata diversi drabi, ukoll permezz ta’ protest ufficjali pprezentat fit-tnax ta’ Dicembru elfejn u wahda (12.12.2001) u notifikat fl-ghoxrin ta’ Dicembru elfejn u wada (21.12.2001) sabiex ihallsu huma baqghu inadempjenti.

U illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi, a tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi l-kreditu tas-socjeta’ attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta’ attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha id-direttur taghha Lino Psaila ikkonfermat illi l-konvenut m’ghandu l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas tas-somma dovuta.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi u b’dispensa tas-smieh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12):

1. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta u Joe Camilleri u Anglu Abela in solidum ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebat’ elef tmien mija u seba u tmenin Lira Maltin u disa’ u ghoxrin centezmu (Lm7,887.29) rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u ikkonsennata mis-socjeta’ attrici ghall-beneficcju tal-istess socjeta’ konvenuta u diretturi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest ufficjali tat-12 ta’ Dicembru elfejn u wahda (12.12.2001), u bl-imghaxijiet legali b’effett minn meta d-dejn kien dovut sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti illi huma minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Lino Psaila u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fil-15 ta’ Dicembru, 2003 li permezz taghha l-konvenut Angelo Abela proprio et nomine eccepixxa:

1. Illi preliminarjament il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 2148(b) u 2149(a) Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi l-eccipjent m’huwiex il-legittimu kontradditur stante illi huwa personalment ma ghamel l-ebda negozju mas-socjeta’ attrici izda unikament bhala direttur tas-socjeta’ attrici.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa m’ghandux f’idejh il-kotba tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk, ma jistax jikkonferma jekk is-somma reklamata hijiex korretta jew le.

4. Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Angelo Abela mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Semghet l-Avukati tal-partijiet.

Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha cedew il-kawza fil-konfront tal-konvenut Angelo Abela.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Dicembru, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Il-kawza odjerna hija semplici fejn l-attur qed jitlob il-hlas ghal

bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuti. Il-kawza fil-konfront tal-konvenut Abela giet ceduta permezz tan-nota li giet presentata fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru, 2004 u kwindi jibqa’ l-kwistjoni jekk l-ammont mitlub hux dovut mill-konvenuti l-ohra u cioe’ l-konvenut Camilleri u s-socjeta’ Camela Contractors Limited.

Il-konvenuti kif gia’ inghad qed jeccepixxu l-ewwel nett il-preskrizzjoni a’ tenur tal-Artikoli 2148 (b) u 2149 (a) li huma ta’ tmintax-il xahar u sentejn rispettivament. Mid-deposizzjoni tal-attur Psaila a Fol 45 tal-proces jidher pero’ li l-konvenuti kienu ilhom jiehdu x-xoghol minghand l-attur minn Frar 2000 u baqghu sejrin sa’ Novembru 2001. Skond ix-xhud “*Iva gejjin ghax-xoghol, jiehdu, kultant ihallsu u jergghu jiehdu ihallsu b’lura dejjem imma dejjem bdew ihallsu ...”* Huwa ma setax ikun preciz meta ghamlu l-ahhar pagament izda jidher li dan sar ftit xhur qabel giet istitwita l-kawza li kien f’Marzu 2002. L-*invoices* esebiti, ghalkemm ma jindikawx meta saru l-hlasijiet jikkonfermaw id-deposizzjoni tal-attur fejn jirrigwardja l-fornitura. Ghalhekk jidher l-ahhar hlas, li kif dejjem gie ritenut hu rikonixximent tad-debitu u kwindi interruzzjoni tal-preskrizzjoni, sar qabel ma ghadda l-perjodu preskrittiv u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi respinta.

Kwantu ghall-ammont mitlub dan gie pruvat mid-dokumenti hu ghalhekk jibqa’ l-kwistjoni jekk il-konvenut Camilleri ghandux jigi ritenut personalment responsabbli ghad-dejn. Dan *nonostante* l-fatt li hu baqa’ kontumaci ghaliex hu pacifiku li kontumacja tfisser kontestazzjoni u l-attur irid xorta jipprova t-talba tieghu – f’dan il-kaz fil-konfront tal-istess konvenut Camilleri personalment.

Mill-*invoices* u *delivery notes* esebiti jidher li dawn kollha hargu fuq is-socjeta’ konvenuta u ma hemm ebda dokument li jindika lill Camilleri bhala debitur. Hu minnu li hafna drabi l-oggetti hadhom hu jew nies imqabbda minnu izda l-fatt li l-

*invoices* u *delivery notes* hargu kollha fuq Camela Contractors hija indikazzjoni li l-atturi dejjem fehmu li qed jaghmlu negozju ma' din is-socjeta'. Il-fatt li fil-kummerc, is-solidarjeta' hija presunta zgur ma jfissirx li awtomatikament negozju ma' kumpanija jfisser negozju mad-direttur, ghaliex altrimenti l-principju tal-entita' guridika separata tas-socjeta' kummercjali jigi meghlub.

L-imghaxjiet ghandhom jghaddu minn meta kien dovut l-ammont, billi *si tratta* ta' obbligazzjoni kummercjali.

**Il-Qorti ghalhekk tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, tmien mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm7887, 29c) bl-ispejjes u imghaxijiet mit-30 ta' Novembru 2002; izda tichadha fil-konfront tal-konvenut Camilleri personalment u fir-rigward tal-konvenut Abela tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha *stante* c-cessjoni.**

**L-ispejjes jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------